# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 5 ta’ 2021, miżmuma nhar il-25 ta’ Mejju 2021, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u nofs ta’ filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Anton Mifsud | | | President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | | Viċi President |
| • Abraham Aquilina | Għargħur LC | (online) | Membru |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | (online) | Membru |
| • Mary Anne Abela | Swieqi LC | (online) | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieha LC | | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | (online) | Membru |
| • Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | (online) | Membru |
| • Matthew Chetcuti | Rabat LC | (online) | Member |
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | (online) | Membru |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Raymond Schembri | Dingli LC | Membru |
| • Christianne Mifsud | Mtarfa LC | Membru |

Membri Assenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Peter Sant Manduca | Mdina LC | Membru |
| • Omar el Arab | Pembroke LC | Membru Delegat |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

AĠENDA

5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
5.3 Komunikazzjoni tal-President;
5.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
    5.4.1 Neutering Assistance
5.5 Kumunikazjoni
5.6 Rapporti;
    5.6.1 1st Quarter Managemnet Accounts.
5.7 Affarijiet oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
    5.7.1 Office Chairs
    5.7.2 AED Tender
    5.7.3 360 and 3D Visual Tours Tender
    5.7.4 CCTV Tender
    5.7.5 Restarting activities
    5.7.6 Maghtab
5.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
5.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mill-Viċi President Paul Vella. Bdiet fis-18:40hrs. Is-Sur Vella fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - Qari t' Apoloġiji

Is-Sinjuri Omar El Arab u Peter Sant Manduca kien assenti. Is-Sinjuri Christianne Mifsud, u Raymond Schembri kienu skużati minħabba laqghat tal-Kunsilli rispettivi.

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 4 ta' 2021 ittieħdu bħala moqrija. Anton Mifsud ippropona li jkunu approvati. Paul Vella issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Punti Mqajjma mill-minuti:

Daryl Connor staqsa dwar is-CCTV tender. Is-SE spjega li t-tender kien ingħalaq u mogħti fl-aħħar laqgħa u kien beda l-proċess biex jibda x-xogħol. Spjega li kien iltaqa' maż-żewġ kuntratturi u għaddielhom id-dettalji tal-Kunsilli. Issa l-kuntratturi ser jitkellmu u jżuru l-Kunsilli.

Il-President Anton Mifsud wasal fis-18:40hrs u kompla l-laqgħa.
Il-President saħaq li l-Kunsilli għandhom jaraw li s-sistema tas-CCTV tkun mogħtija l-attenzjoni neċessarja sabiex titlesta fil-ħin. Dan għaliex jekk ma titlestiex fil-ħin, il-flus tal-LESA jintilfu u jekk jiġri hekk, il-Kunsilli Lokali jkollhom iħallsu sehemhom.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Komunikazzjoni mil-President

Il-President talab lill-membri li issa li l-gvern qed jirrilaxxa l-miżuri, wasal iż-żmien li r-Reġjun ivara l-ktieb tiegħu. Dan kien lest u issa għandu jitqassam. Huwa ssuġġerixxa li ssir attivita l-Ġimgħa t-3 ta' Settembru 2021. Preżentament, il-miżuri jippermettu 300 persuna bilqiegħda. Mary Ann Abela isssekondat lis-Sur Mifsud. Il-Membri qablu mal-proposta. Is-SE intalab jibda jaħdem fuq programm għal din l-attivita. Għandhom ikunu mistednin numru ta' personalitajiet distinti. Għandhom ikunu wkoll mistiedna l-kapijiet tal-iskejjel.

Il-President ippreżenta komunikazzjoni mill-assistent kap tal-iskola primarja ta' San Pawl il-Baħar fejn dan talab lir-Reġjun jagħmel paġna fuq publikazzjoni li l-iskola kienet qed taħdem. Dan kien ser jiswa lir-Reġjun 100 ewro. Il-membri qablu li din issir. Paul Vella ippropona li din tkun estiża għall-iskejjel kollha l-oħra. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat u l-membri qablu unanimament. Din l-għajnuna tista ssir taħt il-budget tas-social media tar-Reġjun.

- Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Paul Vella ippreżenta domanda tal-Kunsilliera Claudette Muscat fejn din talbet lir-Reġjun jgħin lill-Kunsill fuq neutering tal-qtates. Is-SE spjega li d-Dipartiment tal-Animal Welfare għandu skemi għal dawn l-affarijiet kif ukoll li għal din is-sena, ir-Reġjun ma kienx alloka fondi għal dawn it-tip ta' attivitajiet, u ssuġġerixxa lill-membri biex l-ewwel jaraw x'fondi jistgħu iġibu min-naħa ta' Animal Welfare u kif ukoll biex meta jkun qed jitfassal il-budget reġjonali għas-sena d-dieħla, din tkun waħda mil-proposti. Il-membri laqgħu is-suġġeriment.

– Komunikazzjoni

– Rapporti

– Affarijiet oħra

Office Chairs – SE informa lill-membri li bidel is-siġġijiet tal-istaff minhabba li dawn kienu spiċċaw.

AED Tender – dan kien aġġudikat u bdiet komunikazzjoni kemm mal-Kunsilli kif ukoll mal-Kuntrattur. Il-Kunsilli għandhom jaraw fejn dawn ser jitwaħħlu.

360 and 3D Visual Tours Tender – dan it-tender kien aġġudikat u bdiet komunikazzjoni kemm mal-Kunsilli kif ukoll mal-Kuntrattur. Il-Kunsilli (dawk tal-Mellieħa, Mġarr, San Pawl il-Baħar, Mosta, Naxxar u Mtarfa ) għandhom jaraw liema siti ser isiru.

Restarting activities – il-membri qablu li l-attivitajiet fejn hu possibli jerġgħu jibdew.

Magħtab – saret diskussjoni sew fuq is-suġġett tal-magħtab. Is-SE spjega li ser jerġa jissottometti d-dokument għal konsultazzjoni li kien hemm miftuħa. Intalab jerga jikkomunika u jitlob laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia. Anton Mifsud talab ukoll li tissejjaħ laqgħa ma' Miriam Dalli. Il-Konsultazzjoni pubblika tgħalaq fil-25 ta' Mejju.

Tender skart tal-ġonna- minn stħarriġ li sar, hemm interess li jinħareġ dan it-tender reġjonali. Is-SE ser isejjaħ laqgħa mal-Kunsilli nteressati u jibda proċess ta’ tfassil ta’ dan it-tender.

Rimi ta’ affarijiet mil-inventarju.
Is-SE ippreżenta lista t’ affarijiet li kienu mniżżla fl-inventarju u li hemm bżonn jintremew. Din il-lista tinkludi apparat tal-kompjuters ħżiena, is-sistema tat-telefonija l-antika, is-sistema tal-alarm l-antika, siġġijiet u affarijiet oħra. Paul Vella, issekondat minn Anne Marie Muscat Fenech Adami, ippropona li dawn l-affarijiet jintremew u jinqatgħu mill-inventarju. Il-membri qablu unanimament.

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 138 kienet preżentata. John Buttigieg ippropona li tkun approvata. Mary Anne Abela issekonda. Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta’ filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 22 ta’ Ġunju 2021, fis-sitta u nofs ta’ filgħaxija.

__________________________ ______________________________

Anton Mifsud
President
Approvati llum 22 ta’ Gunju 2021.

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt